

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-21 ta' Ġunju 2007 —
Il-Kummissjoni vs Spanja**

(Kawża C-358/05)

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/54/KE — Suq intern ta’ l-enerġija elettrika — Nuqqas ta’ traspożizzjoni fit-terminu previst”

Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 8)

Suġġett

Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta’ l-elettriku, u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE — Dikjarazzjonijiet li jirrigwardaw l-operazzjonijiet ta’ żmaltiment u ta’ ġestjoni ta’ l-iskart (ĠU L 176, p. 37)

Dispożittiv

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta’ l-elettriku, u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE, ir-Renju ta’ Spanja naqas mill-obbligi li huwa għandu bis-saħħa ta’ din id-direttiva.
- 2) Ir-Renju ta’ Spanja huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.